MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2014

Numru. 465/2007

**Il-Pulizija**

**vs**

**Sandra Lee Camenzuli**

**Illum, 26 ta' Marzu 2014**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata, Sandra Camenzuli ta' 29 sena, imwielda fis-16 ta' Novembru 1978, l-Awstralja, bint Anthony u Mary nee` Caruana, residenti Adonia, Triq Engel Caruana, San Giljan, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 107887(M):

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, bejn l-1 ta' Jannar 1998 u s-16 ta' Jannar 1998:-

a) Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga erojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-persuna/i, minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern Tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga msemmija, minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellha licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga u dan bi ksur tar-regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern Tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101);

Rat ukoll illi fis-seduta tal-28 ta' Ottubru 2013, il-partijiet ezentaw lill-Qorti, kif presjeduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa quddiem il-Qorti, diversament presjeduta, sa dakinhar.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija</u>**

Fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2009, xehed **PC 138 Joseph Portelli**[1], li qal illi fis-16 ta' Jannar 1998, ghall-habta tal-11.30, kienu waqqfu lil certu Dawah wara l-Ambaxxata Taljana u minn tfittxija li saret fuq il-persuna tieghu, irrizulta illi dan kellu tliet pakketti kontenenti trab kannella, suspettata eroina. Dawn gew mghoddija lill-Ispettur Norbert Ciappara ghal izjed investigazzjoni.

Fl-istess seduta tad-9 ta' Marzu 2009, xehed ukoll **l-Ispettur Norbert Ciappara**[2]. Qal illi fis-17 ta' Jannar 1998, huwa kien investiga lil Wael Dawah li, waqt ix-xhieda guramentata li dan kien ta quddiem il-Magistrat Saviour Demicoli, huwa ndika diversi persuni li minghandhom kien jixtri d-droga eroina. Fosthom, Dawah kien indika lil certu Stanley Chircop li kien jigi t-tifel tal-*partner* tal-istess Dawah. Dawah kien qal ukoll illi fil-Milied tas-sena ta' qabel huwa kien xtara d-droga eroina bil-prezz ta' Lm25 minghand certu Sandra. Skond l-istess Spettur Ciappara, Dawah qatt ma specifika ezattament min kienet din Sandra, izda qal li kienet it-tfajla ta' Stanley Chircop. L-Ispettur Ciappara xehed ukoll illi sussegwentement il-pulizija kompliet bl-investigazzjoni taghha fil-konfront ta' persuni li kien indika Dawah fix-xhieda guramentata tieghu u fil-bidu tas-sena 2007, Dawah kien mar gewwa l-ufficju tal-Ispettur Ciappara u qallu illi Sandra li kien semma mal-pulizija dak iz-zmien, kienet Sandra Lee Camenzuli. Huwa ghalhekk baghat ghal Sandra Lee Camenzuli u cioe` l-imputata odjerna u kellimha, izda din cahdet li kienet involuta f'xi traffikar ta' droga. L-Ispettur Ciappara xehed illi wara, Dawah rega' mar ghandu u qallu li kien cert illi l-persuna li kien indikalu kienet Sandra Lee Camenzuli ghaliex din kienet avvicinatu u staqsietu x'mar jghid dwarha mal-pulizija. L-Ispettur Ciappara qal illi huwa kien rega' baghat ghall-imputata fis-7 ta' Lulju 2007 u hadilha stqarrija, fejn l-istess imputata ghazlet li ma twiegeb ghall-ebda domanda li ghamlilha. L-Ispettur Ciappara qal ukoll illi Dawah kien xehed fil-kawza fl-ismijiet 'Repubblika ta' Malta vs Stanley Chircop'.

---

[1] A fol. 7 u 8 tal-process.
[2] A fol. 9 sa 11 tal-process.

In kontro-ezami, l-Ispettur xehed illi meta Dawah semma lil 'Sandra', huwa kien ghadu ma tressaqx il-Qorti, izda kien ghadu qed jigi nvestigat. Sussegwentement, huwa kien tressaq fuq pussess semplici.

L-Ispettur Ciappara esebixxa l-istqarrija rilaxxjata mill-imputata fis-7 ta' Lulju 2007[3], fejn hija ghazlet li ma twiegeb ghall-ebda domanda li saritilha.

Fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2012, xehed **Wael Mahmoud Dawah**.[4] B'referenza ghall-Jannar tas-sena 1998, huwa qal illi dak iz-zmien huwa kien joqghod ma' omm Stanley Chircop u li kien jabbuza mid-droga eroina. Qal illi huwa kien jakkwista d-droga minghand Stanley. Qal ukoll illi Stanley kellu mara u kellu gharusa u li huwa kien semma lit-tnejn li huma u dawn it-tnejn kien jisimhom Sandra. Mistoqsi jekk kienx jaf lill-imputata, huwa qal li kien jafha ghaliex dak iz-zmien kienet toqghod ma' Stanley Chircop. Mistoqsi jekk Sandra l-imputata, kinitx l-istess Sandra li semma hu, huwa wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi jekk f'dawk iz-zminijiet, l-imputata kinitx taghtu xi droga, Dawah qal "*Le jiena ma kontx niehu minghandha. Jiena kont niehu minghand Stanley*"[5]. Meta konfrontat bil-fatt illi fix-xhieda guramentata tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti, huwa kien qal illi l-imputata kienet taghtu l-eroina, huwa rega' nnega dan u qal illi huwa kien indika li kien jiehu d-droga minghand Stanley. Qal li ma setax jipponta subajgh lejn xi haddiehor meta ma kien ha xejn minghandha. F'dan l-istadju x-xhieda ta' Dawah giet sospiza.

Fis-seduta tal-1 ta' Frar 2012, giet esebita vera kopja ta' *proces verbal* maghluq fit-3 ta' April 1998 u dan dwar investigazzjoni fil-konfront ta' Dawah Mahmoud Wael wara li nstab fil-pussess tad-droga eroina.[6] Minn dan il-*proces verbal*, jirrizulta illi Dawah Mahmoud Wael kien irrilaxxja stqarrija guramentata quddiem il-Magistrat Inkwirenti ossia l-Magistrat Saviour Demicoli fis-17 ta' Jannar 1998. Fil-fatt dakinhar tas-17 ta' Jannar 1998, Dawah ikkonferma l-

3 A fol. 12 tal-process.
4 A fol. 19 sa 23 tal-process.
5 A fol. 22 tal-process.
6 A fol. 36 sa 49 tal-process.

kontenut tal-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Ispettur Norbert Ciappara fis-16 ta' Jannar 1998[7].

F'din l-istqarrija, guramentata kif inghad, Dawah jghid kif huwa gie arrestat mill-Pulizija fil-11.30 am, kif huwa ftiehem ma' certu wiehed Joseph biex jixtru d-droga eroina u minn fejn kien xtara d-droga dakinhar. Sussegwentement, jghid illi huwa kien waqaf jabbuza mid-droga eroina, izda kien rega' waqqghu fil-vizzju certu Stanley Chircop li jigi t-tifel tal-habiba tieghu Filippa. Dan kien ghall-habta tal-ahhar ta' Novembru meta Stanley kien imur id-dar ta' ommu, ghax kien iggieled mal-mara tieghu. Stanley ghall-ewwel kien jaghtih id-droga b'xejn, izda wara xi ghoxrin gurnata kien qallu illi sabiex jaghtih l-eroina b'xejn, hu ried jibda jbieghlu l-eroina. Dan kien qabel il-Milied. Fil-Milied, Stanley kien talbu sabiex johrog jiekol mieghu u cioe` Dawah, omm Stanley, Sandra l-habiba ta' Stanley u missier u omm Sandra. Dakinhar Stanley ukoll kien tah id-droga. Dawah stqarr ukoll illi xi gimghatejn qabel, huwa xtara b'hamsa u ghoxrin Lira minghand Sandra u li dakinhar Sandra taghtu gramma eroina.

Fis-seduta mizmuma fl-1 ta' Frar 2012, kompja jixhed **Wael Mahmoud Dawah**[8]. Huwa kkonferma li fix-xhieda tieghu precedenti f'dawn il-proceduri, huwa kien qal illi l-imputata ma bieghitlux droga. Mistoqsi ghalfejn fl-istqarrija guramentata huwa qal illi Sandra kienet taghtu gramma eroina, huwa qal illi huwa ma kienx qieghed jirreferi ghal Sandra l-imputata – "*Mhux Sandra din. Sandra din jiena nafha sew u kont ghamilt programm u anke hi ghamlet programm. Pero` l-mara ta' Stanley jisimha Sandra*".[9] Qal illi huwa kien qed jirreferi ghall-mara ta' Stanley u mhux ghall-imputata. Qal illi huwa jaf lill-imputata hdejn id-*detox* u kulhadd kien jaf lil xulxin. Mistoqsi jekk l-imputata kellix x'taqsam mal-istorja li huwa rrakkonta fl-istqarrija guramentata rilaxxjata minnu, ix-xhud qal "*Le m'ghandhiex post f'dan imkien*".[10] In kontro-ezami, meta rega' gie mistoqsi jekk l-imputata kinitx qatt bieghitlu droga, huwa

[7] Esebita a fol. 48 u 49 tal-process.
[8] A fol. 50 sa 55 tal-process.
[9] A fol. 52 tal-process.
[10] A fol. 53 tal-process.

wiegeb "*le le le*"[11] u fuq domanda tal-Qorti, rega' kkonferma li huwa kien qed jirreferi ghal Sandra li hija l-mara ta' Stanley. Qal ukoll illi dak iz-zmien ma kienx jitkellem bil-lingwa Maltija daqs kemm jitkellem illum u li ma kienx ingablu interpretu.

In ri-ezami, meta x-xhud rega' gie konfrontat b'dak li kien qal lill-Pulizija *a tempo vergine*, huwa qal li kien halef fuq il-Koran u li huwa kien qed jirreferi ghall-mara ta' Stanley u cioe` martu biz-zwieg. Qal li qatt ma kien irrefera ghall-imputata. Qal illi meta kien rega' tkellem mal-Ispettur Ciappara, iktar tard, fuq dan il-kaz, l-Ispettur Ciappara riedu jirrilaxxja stqarrija u wrieh ritratt tal-imputata. Skond ix-xhud, huwa qallu li ma kien jaf xejn dwar din u kien hadlu stqarrija fis-sens illi ma kien jaf xejn dwar l-imputata fejn kienet tidhol droga.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-unika prova li ressqet il-Prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputata hija x-xhieda ta' Wael Mahmoud Dawah, liema xhieda fil-fehma tal-Qorti mhijiex wisq kredibbli u ta' min tant jorbot fuqha. L-ewwel darba li huwa xehed quddiem din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u cioe` fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2010, huwa jghid illi lill-imputata kien jafha ghaliex dak iz-zmien hija kienet tghix ma' Stanley Chircop u kienet l-istess Sandra li huwa kien semma fl-istqarrija tieghu, ghalkemm jinnega li din kienet qatt ghaddietlu droga. Jghid ukoll illi dak iz-zmien, huwa kien jiehu d-droga minghand Stanley u li huwa kien semma kemm lill-mara ta' Stanley, kif ukoll lill-gharusa tieghu – it-tnejn bl-isem Sandra. Mill-banda l-ohra, imbaghad, fix-xhieda tieghu fis-seduta tal-1 ta' Frar 2012, Dawah jghid illi lill-imputata kien jafha sew ghaliex kienu ghamlu programm flimkien u li kienu jiltaqghu hdejn id-Detox u illi huwa ma kienx qed jirreferi ghall-imputata fl-istqarrija tieghu, izda ghal Sandra ohra u cioe` il-mara ta' Stanley. Qal ukoll illi l-imputata ma kellhiex x'taqsam f'din l-istorja.

[11] A fol. 53 tal-process.

Fix-xhieda moghtija minnu fiz-zewg okkazzjonijiet, Dawah baqa' jichad kategorikament illi l-imputata qatt ghaddietlu xi droga. Issa veru illi l-Qorti tista' taghzel illi tiskarta x-xhieda moghtija minn xhud waqt il-proceduri, u taghzel li temmen il-verzjoni moghtija mill-istess xhud fi stqarrija guramentata mehuda taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Kif qalet din il-Qorti, diversament presjeduta, fis-sentenza moghtija fit-12 ta' Mejju 2006, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Masoud Albuweiser</u>**:

"*Verament l-istqarrija guramentata taht il-Kap. 101 tiskapula certu regoli naxxenti taht il-Kap. 9. Verament ukoll tista' tigi kontradetta minn fatturi varji u spetta lill-Qorti Gudikanti li mill-assjem tal-provi taghtiha dak il-valur probatorju li jixirqilha. Ghalhekk il-Qorti se ticcita sentenza … fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Pierre Gravina**, 26 ta' Mejju, 2003, Appell Kriminali 14/2003 fejn il-Qorti qalet fil-konfront ta' stqarrija guramentata hekk:*

*"S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jigi ezaminat ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni guramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittiehed bhala prova kontra l-akkuzat, il-gudikant jista' xorta wahda, wara li jkun sema' x-xhud, jasal ghall-konkluzjoni li l-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija guramentata u mhux dak li jkun iddepona fil-Qorti x-xhud. Ifisser biss li, bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingab il-Qorti ghall-fini ta' kontroll da parti ta' l-akkuzat jew l-imputat*".

Madankollu, f'dan il-kaz, lanqas tista' din il-Qorti tistrieh semplicement fuq l-istqarrija guramentata rilaxxjata minn Dawah, stante illi fl-istess stqarrija, ix-xhud jirreferi biss ghal 'Sandra' minghajr ma jindika kunjomha. Huwa <u>probabbli</u> illi fil-fatt Dawah kien qed jirreferi ghall-imputata, anke ghaliex ftit qabel fl-istess stqarrija huwa jghid illi fil-Milied, Stanley kien talbu biex johrog jiekol mieghu u fost ohrajn ma' "*Sandra l-habiba ta' Stanley, u missier u omm Sandra*" u izjed il'fuq jghid ukoll illi lejn l-ahhar ta' Novembru, Stanley kien imur

id-dar ta’ ommu (cioe` il-*partner* tax-xhud) ghax kien iggieled mal-mara. L-unika Sandra li x-xhud jidher li kien qed jirreferi ghaliha fl-istqarrija guramentata kienet l-imputata u cioe` it-tfajla ta’ Stanley u mhux ghal mara ta’ Stanley, li fl-istess stqarrija lanqas biss isemmiha b’isimha. Madankollu, fil-kamp kriminali, il-Qorti ma tistax tistrieh fuq dak li huwa probabbli, izda biss fuq dak li jirrizulta pruvat lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli. Veru wkoll illi l-Ispettur (illum Assistent Kummissarju) Norbert Ciappara, xehed illi zmien wara li rrilaxxja l-istqarrija guramentata, Dawah kien qallu illi huwa kien qed jirreferi ghall-imputata fl-istqarrija tieghu, madankollu din l-istqarrija bil-fomm setghet intuzat mill-partijiet biss u mill-Qorti sabiex jigi kkontrollat ix-xhud waqt id-deposizzjoni tieghu f’dawn il-proceduri, izda ma tistax tissarraf fi prova. Huwa minnu illi din il-Qorti, in vista tax-xhieda tal-Ispettur Ciappara dwar dak li stqarr mieghu bil-fomm ix-xhud (apparti in vista wkoll tax-xhieda tal-istess Dawah quddiem din il-Qorti, kif fuq inghad), tqis il-verzjoni tal-istess xhud f’dawn il-proceduri bhala mhux ta’ min jorbot fuqha, izda sa hemm tista’ tasal u ma tistax tqis *a contrario sensu* illi allura kien veru dak li stqarr ix-xhud bil-fomm mal-Ispettur Ciappara.

Minkejja li l-Qorti ma tqisx ix-xhieda ta’ Dawah f’dawn il-proceduri bhala kredibbli, il-Qorti ghandha quddiemha biss xhieda guramentata li mhijiex ghal kollox cara dwar il-persuna li ghaliha kien qed jirreferi x-xhud u xhieda f’dawn il-proceduri, fejn l-istess xhud jinnega ripetutament illi l-imputata kienet tbieghlu d-droga, izda anzi jindika persuna ohra, wkoll bl-isem ta’ Sandra, bhala l-persuna li kienet taghtih id-droga. Veru wkoll illi fl-ewwel xhieda moghtija quddiem din il-Qorti, l-imputat jghid illi kien qed jirreferi ghall-imputata fl-istqarrija li huwa rrilaxxja, izda apparti li jichad li din bieghitlu droga, jghid ukoll illi fl-istqarrija huwa semma wkoll lil Sandra, l-mara ta’ Stanley Chircop. Il-Qorti tqis illi d-dubju jista’ jmur biss favur l-imputata. F’tali cirkostanzi, il-Qorti ma tistax tasal ghall-konvinciment morali illi l-imputata kienet fil-fatt bieghet id-droga eroina lil Dawah.

Il-Qorti ghalhekk jidhrilha illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova sodisfacentement u sal-grad rikjest mil-ligi, l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, qed issib lill-imputata mhux hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghha u qed tilliberaha minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------